MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 763/2000/1

**Avviz Nru:- 763/00**

**Marie Louise Coleiro**

**vs**

**Guzeppi u Carmen konjugi Cardona**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l- attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ disgha mija tmienja u hamsin liri Maltin (Lm958.00) rapprezentanti kera gravanti fuq il-fond numru 365, f’Main Street, Qormi, liema lokazzjoni saret permezz ta’ skrittura datata 24 ta’ Marzu 1994 (Dok A) liema kera hi dovuta ghal perjodu bejn Lulju 1997 sa Dicembru 1999, u dan ai termini tal-artikolu 2 tal-istess skrittura.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li gew ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw t-talba attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti semghet bil-gurament lill-attrici.

Rat id-dokumenti minnha esebiti u billi l-konvenut naqas li jidher biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici s-somma mitluba ta' disgha mija tmienja u hamsin liri maltin (Lm958.00) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghax legali b'effett mid-9 ta' Gunju tas-sena 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------